# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 297

Volum 58

Edizzjoni bil-Malti **Leġiżlazzjoni** 13 ta' Novembru 2015

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/2025 tas-26 ta' Ottubru 2015 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tat-Tuneżija, min-naħa l-oħra, dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tat-Tuneżija dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika tat-Tuneżija fil-programmi tal-Unjoni** ............ 1

REGOLAMENTI

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2026 tat-12 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex ............ 3

DEĊIŻJONIJIET

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/2027 tal-10 ta' Novembru 2015 li taħtar membru supplenti Żvediż fil-Kumitat tar-Reġjuni** ............ 6

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/2028 tal-10 ta' Novembru 2015 li taħtar żewġ membri supplenti Ġermaniżi fil-Kumitat tar-Reġjuni** ............ 7

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/2029 tal-10 ta' Novembru 2015 li taħtar membru Malti u żewġ membri supplenti Maltin fil-Kumitat tar-Reġjuni** ............ 8

**MT**

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

Rettifika


★ **Rettifika għad-Direttiva tal-Kummissjoni (UE) 2015/1127 tal-10 ta' Lulju 2015 li temenda l-Anness II tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-iskart u li tħassar ċertu Direttivi** (ĠU L 184, 11.7.2015) .......... 9

★ **Rettifika tad-Direttiva 2013/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013 dwar id-dgħajjes li jintużaw għar-rikreazzjoni u l-inġenji tal-ilma personali u li tħassar id-Direttiva 94/25/KE** (ĠU L 354, 28.12.2013) .......... 9

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2015/2025

**tas-26 ta' Ottubru 2015**

**dwar il-konklużjoni tal-Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tat-Tuneżija, min-naħa l-oħra, dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tat-Tuneżija dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika tat-Tuneżija fil-programmi tal-Unjoni**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 212, flimkien mal-punt (a) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 218(6) u l-Artikolu 218(7) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew,

Billi:

(1) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/575 ([1]), il-Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tat-Tuneżija, min-naħa l-oħra ([2]), dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tat-Tuneżija dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika tat-Tuneżija fil-programmi tal-Unjoni ("il-Protokoll") ġie ffirmat f'isem l-Unjoni fis-17 ta' Marzu 2015.

(2) L-objettiv tal-Protokoll huwa li jistabbilixxi r-regoli finanzjarji u tekniċi li jippermettu lir-Repubblika tat-Tuneżija tipparteċipa f'ċerti programmi tal-Unjoni. Il-qafas orizzontali stabbilit bil-Protokoll jikkostitwixxi miżura ta' kooperazzjoni ekonomika, finanzjarja u teknika li tippermetti li l-aċċess għall-għajnuna, b'mod partikolari għajnuna finanzjarja, jiġi pprovdut mill-Unjoni skont dawk il-programmi tal-Unjoni. Dak il-qafas japplika biss għal dawk il-programmi tal-Unjoni li għalihom l-atti legali rilevanti kostituttivi jipprevedu l-possibbiltà ta' parteċipazzjoni tar-Repubblika tat-Tuneżija. Il-konklużjoni tal-Protokoll għalhekk ma tinvolvix l-eżerċizzju tas-setgħat taħt id-diversi politiki settorjali segwiti mill-programmi, li huma eżerċitati meta jiġu stabbiliti l-programmi.

(3) Il-Protokoll għandu jiġi approvat,

([1]) Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/575 tas-17 ta' Diċembru 2014 dwar il-iffirmar, fl-isem tal-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tat-Tuneżija, min-naħa l-oħra, dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tat-Tuneżija dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika tat-Tuneżija fil-programmi tal-Unjoni (ĠU L 96, 11.4.2015, p. 1).

([2]) ĠU L 97, 30.3.1998, p. 2.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tat-Tuneżija, min-naħa l-oħra, dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tat-Tuneżija dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika tat-Tuneżija fil-programmi tal-Unjoni huwa b'hekk approvat f'isem l-Unjoni ([1]).

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill, f'isem l-Unjoni, jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 10 tal-Protokoll ([2]).

*Artikolu 3*

Il-Kummissjoni hija awtorizzata li tistabbilixxi, f'isem l-Unjoni, it-termini u l-kondizzjonijiet speċifiċi applikabbli għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika tat-Tuneżija fi kwalunkwe programm partikolari tal-Unjoni, inkluż il-kontribuzzjoni finanzjarja li għandha titħallas. Il-Kummissjoni żżomm aġġornat il-grupp ta' ħidma rilevanti tal-Kunsill.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Ottubru 2015.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

F. MOGHERINI

([1]) Il-Protokoll ġie ppubblikat fil-ĠU L 96, 11.4.2015, p. 3 flimkien mad-Deċiżjoni dwar l-iffirmar.

([2]) Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll ser tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/2026

### tat-12 ta' Novembru 2015

### li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ([2]) u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissal-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.

(2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Novembru 2015.

*Għall-Kummissjoni,*

*F'isem il-President,*

Jerzy PLEWA

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

([2]) ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

*ANNESS*

**Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi tan-NM | Kodiċi tal-pajjiż terz (1) | Valur standard tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | AL | 54,8 |
| | MA | 93,1 |
| | MK | 50,7 |
| | ZZ | 66,2 |
| 0707 00 05 | AL | 79,9 |
| | JO | 229,9 |
| | MA | 183,4 |
| | TR | 144,6 |
| | ZZ | 159,5 |
| 0709 93 10 | MA | 112,1 |
| | TR | 169,9 |
| | ZZ | 141,0 |
| 0805 20 10 | CL | 185,0 |
| | MA | 83,3 |
| | PE | 166,7 |
| | TR | 83,5 |
| | ZZ | 129,6 |
| 0805 20 30, 0805 20 50, 0805 20 70, 0805 20 90 | CL | 184,7 |
| | PE | 147,1 |
| | TR | 68,9 |
| | ZA | 95,1 |
| | ZZ | 124,0 |
| 0805 50 10 | TR | 107,5 |
| | ZZ | 107,5 |
| 0806 10 10 | BR | 299,1 |
| | EG | 230,8 |
| | PE | 242,8 |
| | TR | 173,3 |
| | ZZ | 236,5 |
| 0808 10 80 | AR | 151,8 |
| | CA | 163,3 |
| | CL | 85,4 |
| | MK | 29,8 |
| | NZ | 127,7 |
| | US | 150,6 |
| | ZA | 216,9 |
| | ZZ | 132,2 |

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi tan-NM | Kodiċi tal-pajjiż terz [1] | Valur standard tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0808 30 90 | BA | 85,3 |
| | CN | 83,9 |
| | TR | 128,8 |
| | XS | 80,0 |
| | ZZ | 94,5 |

[1] In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1106/2012 tas-27 ta' Novembru 2012 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ estern ma' pajjiżi li mhumiex membri, fir-rigward tal-aġġornament tan-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji (ĠU L 328, 28.11.2012, p. 7). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2015/2027

## tal-10 ta' Novembru 2015

## li taħtar membru supplenti Żvediż fil-Kumitat tar-Reġjuni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Gvern Żvediż,

Billi:

(1) Fis-26 ta' Jannar, fil-5 ta' Frar u fit-23 ta' Ġunju 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjonijiet (UE) 2015/116 ([1]), (UE) 2015/190 ([2]) u (UE) 2015/994 ([3]) li jaħtru l-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020.

(2) Konsegwentement għat-tmiem tal-mandat tas-Sur Rolf SÄLLRYD, sar vakanti siġġu ta' membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Hija b'dan maħtura membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, jiġifieri sal-25 ta' Jannar 2020:

— Is-Sinjura Birgitta SACRÉDEUS, *Ledamot i regionfullmäktige, Dalarnas läns landsting*.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Novembru 2015.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

P. GRAMEGNA

---

([1]) ĠU L 20, 27.1.2015, p. 42.
([2]) ĠU L 31, 7.2.2015, p. 25.
([3]) ĠU L 159, 25.6.2015, p. 70.

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2015/2028

## tal-10 ta' Novembru 2015

## li taħtar żewġ membri supplenti Ġermaniżi fil-Kumitat tar-Reġjuni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Ġermaniż,

Billi:

(1) Fis-26 ta' Jannar u fil-5 ta' Frar 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjonijiet (UE) 2015/116 ([1]) u (UE) 2015/190 ([2]) li jaħtru l-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020.

(2) Konsegwentement għat-tmiem tal-mandati tas-Sur Roland HEINTZE u s-Sur Hermann KUHN, saru vakanti s-siġġijiet ta' żewġ membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Huma b'dan maħturin fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, jiġifieri sal-25 ta' Jannar 2020, bħala membri supplenti:

— Dr Henrike MÜLLER, *Mitglied der Bremischen Bürgerschaft*;

— Mr René GÖGGE, *Mitglied der Hamburgischen Bürgerschaft*.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha ssir effettiva fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Novembru 2015.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

P. GRAMEGNA

([1]) ĠU L 20, 27.1.2015, p. 42.

([2]) ĠU L 31, 7.2.2015, p. 25.

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2015/2029

## tal-10 ta' Novembru 2015

## li taħtar membru Malti u żewġ membri supplenti Maltin fil-Kumitat tar-Reġjuni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Malti,

Billi:

(1) Fis-26 ta' Jannar, fil-5 ta' Frar u fit-23 ta' Ġunju 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjonijiet (UE) 2015/116/UE ([1]), (UE) 2015/190/UE ([2]) u (UE) 2015/994/UE ([3]) li jaħtru l-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020.

(2) Konsegwentement għat-tmiem tal-mandat tas-Sur Peter BONELLO, sar vakanti siġġu ta' membru fil-Kumitat tar-Reġjuni,

(3) Konsegwentement għat-tmiem tal-mandat li abbażi tiegħu kien ġie propost is-Sur Frederick CUTAJAR (*Sindku ta' Santa Luċija*), sar vakanti siġġu ta' membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni,

(4) Konsegwentement għall-ħatra tas-Sur Anthony MIFSUD bħala membru fil-Kumitat tar-Reġjuni, isir vakanti siġġu ta' membru supplenti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Huwa b'dan maħtur membru fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, jiġifieri sal-25 ta' Jannar 2020:

— Is-Sur Anthony MIFSUD, *Kunsillier, Kunsill Lokali tal-Imtarfa*.

*Artikolu 2*

Huma b'dan maħturin membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, jiġifieri sal-25 ta' Jannar 2020:

— Is-Sur Frederick CUTAJAR, *Viċi Sindku, Kunsill Lokali ta' Santa Luċija*;

— Is-Sinjura Graziella GALEA, *Sindku, Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar*.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha ssir effettiva fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Novembru 2015.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

P. GRAMEGNA

([1]) ĠU L 20, 27.1.2015, p. 42.
([2]) ĠU L 31, 7.2.2015, p. 25.
([3]) ĠU L 159, 25.6.2015, p. 70.

## RETTIFIKA

### Rettifika għad-Direttiva tal-Kummissjoni (UE) 2015/1127 tal-10 ta' Lulju 2015 li temenda l-Anness II tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-iskart u li tħassar ċertu Direttivi

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 184 tal-11 ta' Lulju 2015)*

F'paġna 15, fl-Anness, li jikkonċerna n-nota f'qiegħ il-paġna (*) fl-Anness II tad-Direttiva 2008/98/KE, it-tielet paragrafu,

*flok:* "Il-valur tal-HDD (l-għadd ta' jiem ta' tisħin) għandu jkun il-medja tal-valuri HHD annwali fil-post tal-faċilità tal-inċinerazzjoni, ikkalkulat għal 20 sena konsekuttivi qabel is-sena li għaliha jiġi kkalkulat is-CCF. Għall-kalkolu tal-valur tal-HDD għandu jiġi applikat dan il-metodu stabbilit mill-Eurostat: Il-valur tal-HDD hu (18 °C – Tm) × d jekk Tm tkun 15 °C jew inqas (il-limitu tat-tisħin) u jkun nill jekk Tm tkun aktar minn 15 °C; f'dan il-każ Tm tfisser it-temperatura medja ta' barra (Tmin + Tmax/2) matul perjodu ta' d ġranet. Il-kalkoli għandhom isiru kuljum (d = 1), u jkunu jgħaqqdu sena sħiħa."

*aqra:* "Il-valur tal-HDD (l-għadd ta' jiem ta' tisħin) għandu jkun il-medja tal-valuri HHD annwali fil-post tal-faċilità tal-inċinerazzjoni, ikkalkulat għal 20 sena konsekuttivi qabel is-sena li għaliha jiġi kkalkulat is-CCF. Għall-kalkolu tal-valur tal-HDD għandu jiġi applikat dan il-metodu stabbilit mill-Eurostat: Il-valur tal-HDD hu (18 °C – Tm) × d jekk Tm tkun 15 °C jew inqas (il-limitu tat-tisħin) u jkun nill jekk Tm tkun aktar minn 15 °C; f'dan il-każ Tm tfisser it-temperatura medja ta' barra (Tmin + Tmax)/2 matul perjodu ta' d ġranet. Il-kalkoli għandhom isiru kuljum (d = 1), u jkunu jgħaqqdu sena sħiħa."

### Rettifika tad-Direttiva 2013/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013 dwar id-dgħajjes li jintużaw għar-rikreazzjoni u l-inġenji tal-ilma personali u li tħassar id-Direttiva 94/25/KE

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 354 tat-28 ta' Diċembru 2013)*

F'paġna 94, il-premessa 41, l-ewwel sentenza,

*minflok:* "… skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi delegata lill-Kummissjoni biex temenda l-punti 2.3, 2.4 u 2.5 kif ukoll it-Taqsima 3 tal-Parti B u t-Taqsima 3 tal-Parti C tal-Anness I, u l-Annessi V, VII and IX.",

*aqra:* "… skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi delegata lill-Kummissjoni biex temenda l-punti 2.3, 2.4 u 2.5 tat-Taqsima 2 kif ukoll it-Taqsima 3 tal-Parti B u t-Taqsima 3 tal-Parti C tal-Anness I, u l-Annessi V, VII u IX.";

F'paġna 111, l-Artikolu 47, il-punt (a)( i),

*minflok:* "(i) il-punti 2.3, 2.4 u 2.5 kif ukoll it-Taqsima 3 tal-Parti B u t-Taqsima 3 tal-Parti C tal-Anness I;",

*aqra:* "(i) il-punti 2.3, 2.4 u 2.5 tat-Taqsima 2 kif ukoll it-Taqsima 3 tal-Parti B u t-Taqsima 3 tal-Parti C tal-Anness I;";

F'paġna 119, l-Anness I, il-Parti B, it-Taqsima 1, il-punt 1.1, il-punt (b),

*minflok:* "(b) it-tip ta' magna, il-familja tal-magna, jekk japplika;"

*aqra:* "(b) it-tip ta' magna u, jekk applikabbli, il-familja tal-magna;".

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)

**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT